**Dispożittiv**

1) Hija sospiża l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropea tal-24 ta' Marzu 2020 li tinforma lil Isopix SA li l-offerta tagħha għall-kuntratt pubbliku COMM/DG/AWD/2019/854 ma ntlaqgħetx u li l-kuntratt ingħata lil offerent ieħor.

2) Il-Parlament huwa ordnat jikkommunika lil Isopix ir-rapport tal-analiżi tal-offerti fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tiegħu.

3) It-talba għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-163/20 R II hija miċħuda bħala inammissibbli.

4) Id-digrieti tat-3 ta' April 2020, Isopix vs Il-Parlament (T-163/20 R), u tat-22 ta' April 2020, Isopix vs Il-Parlament (T-163/20 R II), huma mħassra.

5) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

## Rikors ippreżentat fis-17 ta' April 2020 – FT *et* vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-224/20)

(2020/C 247/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* FT u 22 rikorrenti oħra (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-iskeda ta' remunerazzjoni tax-xahar ta' Ġunju 2019 tar-rikorrenti sa fejn tapplika, għall-ewwel darba, koeffiċjenti korretturi ġodda applikabbli għar-remunerazzjoni tagħhom, b'effett retroattiv mill-1 ta' Awwissu 2018;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' trattament ugwali, u fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrenti jqisu, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni baqgħet ma pprovditilhomx elementi li jippermettulhom li jifhmu mhux biss it-tnaqqis tal-koeffiċjent korrettur applikat għar-remunerazzjoni tagħhom iżda wkoll l-applikazzjoni b'effett retroattiv li jiġġenera dejn partikolarment sostanzjali.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tad-dmir ta' premura. Ir-rikorrenti jsostnu li ma setgħux jipprevedu t-tnaqqis eċċezzjonali tal-koeffiċjent korrettur applikat għar-remunerazzjoni tagħhom, għall-perijodu ta' riferiment, b'effett retroattiv. Skont ir-rikorrenti, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal ma ġewx soddisfatti, il-Kummissjoni ma tistax titlobhom il-ħlas ta' diversi xhur tar-remunerazzjoni tagħhom, minħabba l-modifika tal-koeffiċjent korrettur b'effett retroattiv.

---